# “Ġesù Kristu Mhuwiex Alla”

Dan it-titlu forsi jidher stunat meta wieħed ikun jaf li hu miktub minn Kristjan fil-Knisja ta’ Kristu. L-iskop ta’ dan l-istudju huwa biex nipprova nidħol fl-imħuħ tan-nies u bit-tama li niċċara s-suġġett tat-tifsira ta’ din l-istqarrija dwar kif jifhmuha tax-Xhieda ta’ Ġeħova u kif jifhmu Kristjan.

## Ġesù u l-Missier

Minn ħafna konverżazzjonijet li jiena kelli max-Xhieda ta’ Ġeħova, konfront tipiku imur kif ġej: Ix-Xhieda ta’ Ġeħova juru lil Ġesù u l-Missier bħala li huma żewġ Persuni *distinti* u billi tat-Torri ta’ l-Għassa (WT)[2] għallmu lix-Xhieda ta’ Ġeħova li Alla = il-Missier biss, Ġesù ma jistax ikun Alla għaliex ix-Xhieda ta’ Ġeħova jafu li huma żewġ Persuni *distinti* u l-Misser mhuwiex l-Iben u l-Iben mhuwiex il-Missier.

Meta x-Xhieda ta’ Ġeħova juru d-distinzjonijiet bejn il-Persuni huma jaħsbu li jkunu taw prova li t-Trinità mhix tassew (li attwalment huma ma jkunux għamlu dan, SAKEMM il-persuna li huma jkunu qegħdin jitkellmu magħha ma tkun taf xejn dwar x’jemmnu huma u għaliex huma jemmnuh dan. B’dispjaċir, dan hu l-każ fil-biċċa l-kbira tal-waqtiet.) Wara li l-Kristjan jisma’ lix-Xhieda ta’ Ġeħova jgħidu li Kristu mhuwiex Alla, immedjatament il-Kristjan juri tużżana jew aktar versi li espliċitament igħidu li Hu Alla. B’għaġeb għall-Kristjan dawn il-versi kollha jibqgħu għaddejjin għax-Xhieda ta’ Ġeħova bħallikieku huma ma semgħu xejn. Għaliex jiġri dan????

Jiena nemmen li huwa għaliex kull darba li l-Kristjan juri lix-Xhieda ta’ Ġeħova Skritturi li jgħidu bl-aktar mod ċar li Ġesù Kristu huwa Ġeħova (Jaħweh) huma jaħsbu li l-Kristjan qiegħed jipprova biex jagħti prova li Ġesù huwa l-Missier u għalhekk dik l-Iskrittura ma tistax tfisser dak li hija tgħid.

U għalhekk il-konverżazzjoni tkompli bix-Xhieda ta’ Ġeħova juru Skritturi li jidentifikaw id-distinzjoni bejn iż-żewġ Persuni, speċjalment dawk li jgħidu li Ġesù Kristu mhux biss huwa l-Iben ta’ Alla, imma Hu Nnifsu huwa wkoll Alla. U ħafna drabi iż-żewġ persuni jħallu lil xulxin fi frustrazzjoni jaħsbu li wieħed ma fehemx lil ieħor.

Hawn hija xi ħaġa li hija TA’ IMPORTANZA KBIRA ĦAFNA għax-Xhieda ta’ Ġeħova biex jifhmu. Meta aħna, bħala Kristjani fil-knisja ta’ Kristu nuru għal Skritturi li juru li Ġesù hu Alla, DAWN MHUMIEX QEGĦDIN JIPPROVAW BIEX JAGĦTU PROVA LI ĠESÙ HU ALLA L-MISSIER. ĦALLI NIRREPETI DAN MILL-ĠDID.

META KRISTJAN LI JEMMEN FIL-BIBBJA IKUN QIEGĦED JURI MILL-ISKRITTURA LI ĠESÙ HU ALLA, HU MA JKUNX QIEGĦED JIPPPROVA BIEX JAGĦTI PROVA LI ĠESÙ HU ALLA L-MISSIER.

Ix-Xhieda ta’ Ġeħova forsi jkunu sorpriżi li jsibu li l-Kristjani jemmnu li l-Missier u l-Iben huma żewġ Persuni separati u distinti. Ir-raġuni li jiena ngħid li huma jkunu sorpriżi hija għaliex jiena qrajt l-argumenti kollha tat-Torri ta’ l-Għassa kontra t-Trinità u dawn l-argumenti mhumiex argumenti kontra t-

Trinità imma kontra l-ereżija antika msejħa *modaliżmu* jew *monarkiżmu*, li aħna nirriġettawha ukoll.

Biex inkunu ċari, t-tagħlim tal-modaliżmu/monarkiżmu huwa li l-Missier u l-Iben (u l-Ispirtu s-Santu) huma l-istess Persuna. Dan hu dak lit-Torri ta' l-Għassa jgħallmu lix-Xhieda ta' Ġeħova li hija t-Trinità. Kif jiena nafu dan? Jien għandi ħafna kotba u artikli mit-Torri ta' l-Għassa u issa ħarġu wkoll CD ROM u studjat l-argumenti tagħhom sewwa. Jiena nista' nassigura lil min jinteressa lilu nnifus f'dan li x-Xhieda ta' Ġeħova lanqas huma stess ma jafu x'jgħallmu eżatt tat-Torri ta' l-Għassa. U dan qiegħed ngħidu bi prova għaliex meta wieħed jara t-traduzzjonijiet tagħhom tal-Bibbja (T.Q. u T.Ġ.) dawk bl-Ingliż u dawk bil-Malti u jqabbilhom mal-Grieg li jużaw huma stess (*The Kingdom Interlinear Translation of the Greek Scriptures*, Westcot and Hort) għandu jagħraf dak li qiegħed ingħid jien. (L-ingliż ma jaqbilx mal-Grieg, u l-Malti ma jaqbilx la mal-Grieg u lanqas ma' l-Ingliż tagħhom).

Hawn hija xi ħaġa TA' IMPORTANZA KBIRA għall-Kristjan biex jifhem. Jekk inti qiegħed tipprova biex turi lix-Xhieda ta' Ġeħova mill-Bibbja li Ġesù Kristu huwa Alla, INTI GĦANDEK TAGĦMILHA ĊARA ĦAFNA LI M'INTIX QIEGĦED TIPPROVA BIEX TAGĦTI PROVA LI ĠESÙ HU ALLA L-MISSIER, IMMA LI ĠESÙ TASSEW JIPPOSSIEDI N-NATURA TAD-DIVINITÀ (li b'mod sempliċi ħafna huwa sinonimu għal Alla). Aħna, bħala Kristjani, nemmnu fid-Divinità ta' Ġesù Kristu fejn ix-Xhieda ta' Ġeħova ma jemmnux.

Fejn ix-Xhieda ta' Ġeħova u l-Kristjani jinfirdu fid-dottrina MHUWIEX fuq id-distinzjoni tal-Persuni, imma fin-natura ta' Kristu Nnifsu. Jekk aħna nkunu nistgħu nneħħu l-paraventu lix-Xhieda ta' Ġeħova poġġew dwar il-fatt li aħna tassew nemm-nu li l-Missier u l-Iben huma żewġ Persuni distinti, imbagħad aħna nkunu nistgħu nħarsu lejn is-suġġett li tassew jifridna.

## Motivazzjonijiet u Kjarifikazzjonijiet

Jiena nemmen li aħna lkoll qegħdin hawn biex naqsmu l-fidi tagħna għaliex aħna mmotivati biex naraw is-salvazzjoni tar-ruħ ta' xulxin u li parti waħda tixtieq li tara l-parti l-oħra tirċievi l-ħajja eterna kemm jekk ikun ix-Xhud ta' Ġeħova għall-Kristjan jew il-Kristjan għax-Xhud ta' Ġeħova.

Ix-Xhieda ta' Ġeħova jemmnu li l-Kristjani mhumiex salvi għaliex huma mhu-wiex assoċjati ma' "l-iskjav fidil u għaqli."[3] Il-Kristjan jemmen lix-Xhieda ta' Ġeħova mhumiex salvi għaliex huma rċevew il-Kristu żbaljat u mhumiex imwielda minn Alla.

Qabel ma nkompli, hemm ħaġa waħda li tiġi f'moħħi u għaliex din hija importanti ħafna. Jekk it-Torri ta' l-Għassa huwa korrett u jiena mmut mingħajr ma nkun assoċ-jat ma' "l-iskjav fidil u għaqli" jiena mmur f'raqda tar-ruħ u norqod għall-eternità.

Jekk il-Kristjan hu korrett u x-Xhud ta' Ġeħova jmut mhux salvat, hu jgħaddi l-eternità f'post ta' kastig ta' dejjem jew turment fejn ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien, fejn id-duda tagħhom ma tmutx, u n-nar ma

jintefiex. (Mattew 13:42; Mark 9:44). Qabel ma wieħed jibda jmaqdar dwar din l-istqarrija aqra l-istudju kollu kemm hu u mbagħad wieġeb. L-għan tiegħi f'dan l-istudju huwa biex inġib l-ordni barra mill-konfużjoni u ċarezza fejn hemm kunċett żbaljat.

Din l-istqarrija waħda "***Ġesù mhuwiex Alla***" hija kemm verità assoluta kif ukoll ereżija assoluta jiddependi fuq kif inti tiddefinixxi l-kelma "Alla."

Dak li jiena nixtieq li nagħmel huwa li nispjega kif ix-Xhieda ta' Ġeħova jemmnu din l-istqarrija u kif jiddefinixxuha tat-Torri ta' l-Għassa għax-Xhieda ta' Ġeħova u kif dak li jemmen fit-Trinità jemmen din l-istqarrija u kif huwa jiddefinixi l-kelma Alla kif hu jaqraha fil-Kelma. (il-Bibbja Mqaddsa.)

Ix-Xhieda ta' Ġeħova kienu mgħallma u jemmnu li l-kelma Alla (A kapitali) hija esspressament irriservata għall-Missier. Jiena sibt fil-konverżazzjonijiet tiegħi max-Xhieda ta' Ġeħova u wkoll minn qari ta' numru mhux ħażin ta' letteratura minn tagħhom li huma jgħallmu li Alla = il-Missier waħdu. Għalhekk meta jiena jew xi ħadd minn ħuti jgħidu li Ġesù hu Alla, fil-moħħ ta' Xhud ta' Ġeħova huma jaħsbu li aħna qegħdin ngħidu li Ġesù huwa l-Missier meta fil-fatt ma nkunux qegħdin ngħidu dan!

Li tgħid li Ġesù hu Alla l-Missier hija l-ereżija antika msejħa "Modaliżmu." Modaliżmu huwa t-twemmin li Ġesù u l-Missier huma l-istess Persuna u li ma hemmx distinzjoni bejn il-Persuni.

Knisja (denominazzjoni) waħda li tgħallem din l-ereżija hija l-knisja UPC jew il- United Pentecostalist Church (li m'għandix tkun imfixkla mal-bqija tal-Knejjes Pentekostali li jgħallmu Trinitarjaniżmu Ortodoss). Mela attwalment jekk wieħed li jemmen fit-Trinità jkun f'dibattitu ma' membru tal-UPC, ix-Xhud ta' Ġeħova jaqbel aktar ma' dak li jemmen fit-Trinità fil-fatt li dak li jemmen fit-Trinità jemmen li Ġesù u l-Missier huma żewġ Persuni distinti.

Meta Ġesù talab, Hu talab lill-Missier. Waqt li Ġesù mexa fuq l-art kien il-Missier li qal: "*...Dan hu Ibni l-maħbub, li bih nitgħaxxaq*" (Mattew 3:17). Ukoll il-Missier żamm pożizzjoni akbar mill-Iben; għalhekk, Ġesù kien jista' jgħid sewwa, "*Il-Missier hu akbar minni*" (Ġwanni 14:28). Jiena rrid ukoll li nuri li wara li Ġesù xejjen Lilu Nnifsu (Filippin 2:7), Hu kien ukoll magħmul anqas mill-anġli (Lhud 2:7, 9).

> "*Inti* ***għamiltu ftit anqas mill-anġli****; int inkurunajtu bil-glorja u unur, u appuntajtu fuq l-għemejjel ta' jdejk:.... Imma aħna naraw lil Ġesù, li* ***kien magħmul ftit anqas mill-anġli*** *talli bata l-mewt, inkurunat bil-glorja u l-ġieħ; biex bil-grazzja ta' Alla jduq il-mewt għal kulħadd.*"

Aħna ma nemmnux li Ġesù u l-Missier huma l-istess Persuna għalkemm tat-Torri ta' l-Għassa ripetutament igħallmu lis-segwaċi tagħhom li dan huwa l-każ. Meta xi ħadd mix-Xhieda ta' Ġeħova juri lill-persuna li Ġesù u l-Missier mhumiex l-istess Persuna huma jaħsbu li jkunu taw prova lit-tagħlim tat-Trinità huwa żbaljat. Dan huwa wieħed mill-akbar ingann tat-Torri ta' l-

Għassa. Tat-Torri ta' l-Għassa jgħallmu lis-segwaċi tagħhom li aħna nemmnu li Ġesù u l-Missier huma l-istess Persuna.

Biex nivverifika dak li qiegħed ingħid, kull ma wieħed għandu jagħmel huwa biss li jaqbad kull letteratura tat-Torri ta' l-Għassa u jeżamina kif huma jippreżentaw it-twemmin tagħna. Per eżempju, mur f'paġna 39 tal-ktieb *You Can Live Forever in Paradise on Earth* (li b'mod żeluż huwa "mqiegħed" mix-Xhieda ta' Ġeħova biex jippruvaw id-dottrina tagħhom) biex tara x-xorta ta' loġika li jiena qiegħed nitkellem dwarha.[4]

Sewwasew taħt l-istampa ta' Ġesù isfel fir-rokna tan-naħa tax-xellug hemm l-istqarrija, u nikkwota: "Since Jesus prayed to God, asking that God's will, not his, be done, the two could not be the same person." Fil-Malti: "Billi Ġesù talab lil Alla, igħid lir-rieda ta' Alla, u mhux tiegħu, tkun magħmula, it-tnejn ma jistgħux ikunu l-istess persuna."

Din hija stqarrija tassew; iżda, ma tantx iġġib fix-xejn id-dottrina tat-Trinità. Tat-Torri ta' l-Għassa jaħsbu li billi juru li huma (Ġesù u l-Missier) mhumiex l-istess Persuna huma (tat-Torri ta' l-Għassa) ġabu fix-xejn it-Trinità. Jiena nista' nibda nobsor kemm nies waqgħu u naqbdu f'dan l-ingann sewwasew hawn.

Eżempju ieħor ta' din il-loġika li tqarraq huwa meta fl-istess paġna huma jagħmlu stqarrija oħra bħal, u nikkwota: "If Jesus were the Almighty God, he would not have prayed to himself, would he? In fact, following Jesus' death, the Scripture says: 'This Jesus God resurrected.' (Acts 2:32) Thus the Almighty God (The Father) and Jesus are clearly two separate Persons." Fil-Malti: "Jekk Ġesù kien Alla li Jista' Kollox, hu ma kienx jitlob lilu nnifsu, ma kienx? Fil-fatt, wara l-mewt ta' Ġesù, l-Iskrittura tgħid, 'Dan Ġesù qajmu Alla.' (Atti 2:32) Għalhekk Alla li Jista' Kollox (Il-Missier) u Ġesù huma biċ-ċar żewġ Persuni separati."

Kif jiena diġà għedt, din il-loġika ta' qerq ma ġġibx fix-xejn it-Trinità; imma kif sejrin naraw pjuttost li tikkonfermaha. Kif diġà għedt aktar qabel aħna diġà nemmnu li l-Missier u l-Iben huma biċ-ċar żewġ Persuni separati.

## Alla = Deità

Mela aħna naraw li tat-Torri ta' l-Għassa jiddefinixxu lil Alla bħala Persuna waħda biss. Alla = Missier skond tat-Torri ta' l-Għassa. Jekk wieħed kellu jagħti daqqa t'għajn imparzjali lejn kif il-Bibbja tuża l-kelma Alla, Jaħweh, Alla li Jista' Kollox, jew xi wieħed mit-titli applikati għall-Missier, huwa jara ċar li dawn l-istess ismijiet u titli applikati għall-Missier, huma l-istess ismijiet u titli li huma applikati għal Ġesù Kristu wkoll. Għaliex meta naqraw l-Iskrittura f'majiera imparzjali aħna nsibu li l-kelma Alla = Deità.

Il-Missier huwa msejjaħ Alla għaliex Hu jippossiedi n-natura divina. Meta Kristjan igħid li l-Missier hu Alla, Hu jkun qiegħed igħid li l-Missier huwa tassew Deità. Wieħed li jippossiedi n-natura divina. Meta Kristjan igħid li Ġesù hu Alla, hu jkun qiegħed igħid li Ġesù Kristu hu Deità. U dan jintqal bl-aktar mod ċar fl-Ittra lill-Filippin.

*"Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù. Li, għalkemm* ***eżista f'sura ta' Alla****, ma qishiex bħala ħaġa misruqa* ***li jkun daqs Alla****: Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħ-mul fix-xbieha tal-bnedmin*" (**Filippin 2:5-7**).

Din l-istqarrija tfisser li Ġesù Kristu jippossiedi *n-natura divina* u hu ta' sustanza egwali mal-Missier. Għalhekk, aħna nemmnu mhux biss li Ġesù u l-Missier huma żewġ Persuni distinti imma nemmnu wkoll fid-Deità tal-Missier u wkoll f'ta' Ġesù Kristu, l-Iben tal-Missier.

Mela, meta Xhud ta' Ġeħova jgħid li Ġesù Kristu mhuwiex Alla u jfisser dan fis-sens li Ġesù Kristu mhuwiex Alla l-Missier "JIDENTIFIKA L-PERSUNA" tal- Missier, aħna nkunu fi qbil. Aħna naqblu li Ġesù Kristu mhuwiex il-Missier.

Iżda, meta x-Xhieda ta' Ġeħova jgħidu li Ġesù Kristu mhuwiex Alla fis-sens li Ġesù Kristu mhuwiex Deità jew tassew u intrinsikament ma jippossedix in-natura divina, din tkun ereżija. Għaliex li temmen li Ġesù Kristu mhuwiex Deità jew li ma jippossedix in-natura divina huwa li tirriġetta, tinjora, jew li tagħlaq għajnejk għalkollox għal ħafna u ħafna Skritturi. Jiena nirrepeti ĦAFNA U ĦAFNA.

Jekk il-Bibbja wżat il-kelma *Alla* fis-sens illimitat li jużawh tat-Torri ta' l-Għassa huma jkollhom każ. Il-verità hija, li l-Bibbja ma tużax il-kelma *Alla* f'dak is-sens illimitat u aħna għandna niddefinixxu l-kelma bil-mod li Alla jużaha fil-Bibbja Mqaddsa, il-Kelma Tiegħu. Jekk xi persuna li taħseb b'moħħ miftuħ loġikament qrat talinqas ftit mill-Bibbja, hija definittivament tkun taf li l-Iskrittura b'mod enfatiku ssejjaħ lil Ġesù Kristu Alla.

Issa aħna nafu li Ġesù u l-Missier huma żewġ Persuni distinti. Għalhekk meta l-Bibbja ssejjaħlu Alla, aħna nafu lit-Testment il-Ġdid mhux qiegħed isejja lil Ġesù Kristu l-Missier imma tabilħaqq jattribwixxi t-titlu ta' Alla għal Ġesù Kristu għaliex Hu jippossiedi n-natura divina.

Eżempju wieħed ċar ħafna huwa Ġwanni 1:1, 2 fejn il-Bibbja ssejjaħ lil Ġesù "Alla" u huwa għalkollox stqarrija Trinitarja

"*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u* ***l-Kelma kienet Alla.*** *2Din kienet fil-bidu ma' Alla.*"

Hawn hi parafrażi sa fejn naf jien fil-Grieg, "1) Fil-bidu (jew fl-oriġini taż-żmien), il-Kelma diġà kienet teżisti—u l-kelma kienet ma' (wiċċ imb'wiċċ bħala egwali ma') Alla l-Missier, u l-Kelma Nnifsu kienet Deità, l-istess kif il-Missier hu Deità. 2) Hu kien preżenti oriġinarjament ma' Alla l-Missier." Mikea jgħidilna li Ġesù Kristu kien mill-eternità:

"*2Iżda int, Betlehem ta' Efrata, għalkemm l-iżgħar fost l-eluf ta' Ġuda, minnek joħroġli wieħed li jkun jaħkem fuq Iżrael; li nislu jkun mill-qedem,* ***mill-eternità***" (Mikea 5:2; ara Mattew 2:5-6).

Ġwanni jagħmel stqarrija enfatika oħra dwar id-Deità ta' l-Iben fl-ewwel epistola tiegħu,

> "*U nafu li l-Iben t'Alla ġie, u tana d-dehen, biex nagħrfu lil dak li hu veru, u aħna f'dak li hu veru, f'Ibnu Ġesù Kristu.* ***Dan hu Alla veru,*** *u l-ħajja ta' dejjem*" (1 Ġwanni 5:20).

Dwar jekk Ġesù Kristu huwiex Alla (A kapitali) kif il-Bibbja u l-Iskrittura jużaw il-kelma ma hemm l-ebda dubju. Ara li ġejjin:

1. **<u>Ġenesi 19:24</u>** – "*Imbagħad Jaħweh bagħat fuq Sodoma u Gomorra xita ta' kubrit u nar minn għand Jaħweh mis-sema.*"
2. **<u>Salm 45:7</u>** – "*Int tħobb il-ħaqq, u tobgħod il-ħażen: għalhekk* ***Alla,*** *Alla tiegħek, dilkek biż-żejt tal-hena aktar minn sħabek.*"
3. **<u>Isaija 7:14</u>** – "*Għalhekk is-sid, hu nnifsu, jagħtikom sinjal; Ara, xebba titqal, u tiled iben, u ssemmih Emmanuwèl.*"
4. **<u>Isaija 9:6</u>** – "*Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben: u s-setgħa tkun fuq spal-lejh, u jissemma ismu Kunsillier tal-Għaġeb,* ***Alla Qawwi,*** *Missier għal dejjem, il-Prinċep tal-Paċi.*"
5. **<u>Ġeremija 23:5, 6</u>** – "*Ara, jiġu jiem, jgħid Jaħweh, li nissel lil David Rimja ġusta, u sultan isaltan u jimxi bil-għaqal, u jagħmel il-ħaqq u s-sewwa fuq l-art. Fi żmienu, Ġuda jkun salvat, u Iżrael igħammar fis-sigurtà; u dan hu l-isem li bih isejħulu:* ***Jaħweh*** *il-Ħaqq Tagħna.*"
6. **<u>Żakkarija 2:10—3:2</u>** – "*Għanni u ifraħ, o bint Sijon! għax, ara, jien ġejt bniex ngħammar fik, igħid Jaħweh. U f'dak il-jum jingħaqdu ħafna ġnus ma' Jaħweh, u jsiru l-poplu tiegħi. Imbagħad ngħammar fostok, u int tagħraf li Jaħweh ta' l-eżerċti bagħatni għandek. U Jaħweh jiret lil Ġuda bħala sehmu fl-art imqaddsa, u jarġa' jaħtar lil Ġerusalemm. Kull laħam jiskot quddiem* ***Jaħweh****! għax hu stenbaħ minn agħmartu mqaddsa.* ***3.*** *Imbagħad urieni 'l Ġożwè, il-qassis il-kbir, wieqaf quddiem l-anġlu ta' Jaħweh, u 'l Satana wieqaf fil-lemin tiegħu biex jixlih. U Jaħweh qal lil Satana: Iċanfrek Jaħweh li ħatar lil Ġerusalemm! Jaqaw dan mhux ġamra misluta min-nar?*"
   a. Ta' min jinnota hawn li tat-Torri ta' l-Għassa, għalkemm jafu li l-isem 'Jehovah' mhuwiex Skritturali, huma ppreferew dan l-isem milli l-isem Skritturali ta' 'Jaħwseh'.
   b. Dan mhux jien qiegħed ngħidu imma tat-Torri ta' l-Għassa nfushom.
   c. Nikkwota: "While inclining to view the pronunciation "Yah·weh" as **the more correct way,** we have retained the form "Jehovah" **because of people's familiarity with it since the 14th century**.( The Kingdom Interlinear Translation of the Greek Scriptures, FOREWARD, p. 23)
   d. Għaliex mela in-NWT warrbu fil-ġenb il-preċiżjoni biex jużaw il-kelma *Jehovah* (Ġeħova), li huma jafu sewwa li kienet bdiet tintuża fis-seklu 14?

e. Jiena nħoss li dan sar għaliex huma jafu li "Yah·weh" fit-Testment il-Qadim jirreferi għal Kristu u dan iġib fix-xejn it-tagħlim żbaljat tagħhom dwar id-Deità ta' Kristu.

f. Isma' t-tweġiba tat-Torri ta' l-Għassa għaliex huma biddlu l-isem: "Minħabba l-familjarità tan-nies miegħu (ma' l-isem 'Jehovah').

ġ. Dan hu mod ieħor li tgħid li huma żammew it-tradizzjonijiet ta' l-invenzjonijiet tal-bniedem sa mis-seklu 14 biex iwarrbu l-verità u l-eżattezza, li huma kienu jafu dwarhom.

7. __**Żakkarija 12:10**__ – "*U nsawwab fuq dar David u fuq in-nies ta' Ġerusalemm l-ispirtu tal-grazzja u talb; u jħarsu lejja, lejn min huma nifdu, u jixhru għalih, bħalma wieħed jixher għal ibnu waħdieni, u jibku biki ta' mrar għalih, bħalma wieħed jibki biki ta' mrar għall-iben il-kbir.*"

8. __**Mattew 1:22, 23**__ – "*Issa dan kollu ġara, biex iseħħ dak li ngħad mill-Mulej bil-profeta, li jgħid: Ara, xebba titqal, u tiled iben, u jsemmuh Emmanuwèl, li jfisser:* ***Alla magħna.***"

a. Ta' min jinnota hawn li għalkemm tat-Torri ta' l-Għassa fi Ġwanni 1:1 fit-traduzzjojnijiet tagħhom ipoġġu 'a' għal Alla li tirreferi għal Kelma [Kristu] f'Isaija 9:6 u f'Mattew 1:23 u fi Ġwanni 20:28 huma jpoġġu 'A' kapitali għal Alla fejn f'dawn it-tliet Skritturi jirreferu għal Kristu wkoll!

9. __**Ġwanni 1:1**__ – "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u* ***l-Kelma kienet Alla.***"

10. __**Ġwanni 5:18**__ – "*Għalhekk il-Lhud fittxu iżjed li joqtluh, għax mhux biss kiser is-Sibt, imma wkoll għax qal li Alla hu Missieru, u b'hekk għamel lilu nnifsu daqs Alla.*"

11. __**Ġwanni 20:28**__ – "*U Tumas wieġeb u qallu: il-Mulej tiegħi, u 'l* ***Alla*** *tiegħi.*"

12. __**Atti 20:28**__ – "*Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-knisja ta'* ***Alla*** *li hu xtara b'demmu stess.*"

13. __**Rumani 8:9**__ – "*Imma intom ma tgħixux fil-ġisem, iżda fl-Ispirtu, jekk* ***l-Ispirtu ta' Alla*** *jgħix fikom. Issa jekk xi ħadd ma għandux fih* ***l-Ispirtu ta' Kristu,*** *dan mhuwiex tiegħu.*"

14. __**Rumani 9:5**__ – "*Li tagħhom huma l-patrijarki, li minnhom skond il-ġisem, ġie* ***Kristu, li hu fuq kollox, Alla mbierek*** *fiż-żminijiet. Amen.*"

15. __**Filippin 2:5-9**__ – "*Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù.* [6]*Li,* ***għalkemm eżista f'sura ta' Alla, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun daqs Alla****: Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin: U wara li minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh wisq, u tah isem li hu fuq kull isem:*"

16. <u>Kolossin 2:9</u> – “***Fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità*** *fil-ġisem.*”

17. <u>1 Timotju 3:16</u> – “*U bla tmerija, kbir hu l-mistejru tar-reliġjożità: Li deher fil-ġisem, iġġustifikat fl-Ispirtu, rawh l-anġli, imxandar lill-Ġentili, emmnut fid-dinja, mgħolli fil-glorja.*”

18. <u>Titu 2:13</u> – “*Nistennew dik it-tama mbierka, u d-dehra glorjuża* ***t’Alla l-kbir u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.***”

19. <u>Lhud 1:3, 8, 9</u> – “*Hu, li hu d-dija tal-glorja tiegħu, u* ***x-xbieha perfetta*** *tal-persuna tiegħu, u li jżomm il-ħwejjeġ kollha bil-kelma tas-setgħa tiegħu, wara li bih innifsu naddaf dnubietna, qagħad bil-qiegħda fuq il-lemin tal-Maestà fil-għoli tas-smewwiet….Imma* ***għal l-Iben igħid****: It-Tron tiegħek,* ***O Alla****, għal dejjem ta’ dejjem, ix-xettru tal-ġustizzja hu x-xettru ta’ saltnatek. Int ħabbejt il-ġustizzja, u bgħadt il-ħażen; għalhekk Alla, Alla tiegħek, dilkek biż-żejt tal-ferħ aktar minn sħabek.*”

20. <u>2 Pietru 1:1</u> – “*Simgħon Pietru, skjav u appostlu ta’ Ġesù Kristu, lil dawk li qalgħu fidi prezzjuża daqs tagħna, permezz tal-ġustizzja ta’* ***Alla u Salvatur tagħna Ġesù Kristu.***”

21. <u>1 Ġwanni 5:20</u> – “*U nafu li l-Iben t’Alla ġie, u tana d-dehen, biex nagħrfu lil dak li hu veru, u aħna f’dak li hu veru,* ***f’Ibnu Ġesù Kristu. Dan hu Alla veru****, u l-ħajja ta’ dejjem.*”

Aħna, bħala Kristjani m’aħniex qegħdin nitolbu lix-Xhieda ta’ Ġeħova (u wkoll lill-Kristjadelfjani) biex jemmnu xi ħaġa li hija kuntrarja għal l-Iskrittura; aħna biss nipp-ruvaw biex nipperswaduhom ħalli jemmnu l-Iskritturi KOLLHA u mhux sempliċi-ment biss dawk li jidhru li jaqblu magħhom. U aħna nixtiequ li huma jużaw it-titlu “Alla” kif tużah l-Iskrittura Mqaddsa u mhux kif jużawh tat-Torri ta’ l-Għassa! Jekk l-appostli sejħulu (lil Ġesù Kristu) Alla u Hu Nnifsu stqarr li hu hekk, qegħdin intom (tax-Xhieda ta’ Ġeħova) tgħidu li huma lkoll huma żbaljati l-istess kif aħna, skond intom, qegħdin żbaljati? Lesti intom, tax-Xhieda ta’ Ġeħova, twarrbu fil-ġenb it-tagħlim tat-Torri ta’ l-Għassa u taċċettaw u tipprattikaw biss it-tagħlim tal-Bibbja Mqaddsa? Lesti intom ilkoll issejjħu lil Sidna Ġesù Kristu kif sejjaħlu wieħed mill-appostli: “***Il-Mulej tiegħi u ’l Alla tiegħi***”? (Ġwanni 20:28). Lili personali kien hemm minnhom (minn tax-Xhieda ta’ Ġeħova) li qaluli “le, mhux lesti”! Għaliex? Possibbli jippreferu li jobdu lill-bnedmin aktar milli jobdu lil Alla? (Atti 4:19, 5:29). L-appostli m’għamlux hekk!

## Importanza

Il-ħaġa li tagħmel dan daqshekk importanti hija s-salvazzjoni ta’ dak li jkun u fejn dik il-persuna se tgħaddi l-eternità. It-twemmin tiegħek ta’ din id-dottrina waħda huwa tant importanti għas-salvazzjoni tiegħek. Għaliex jiena ngħidu dan??? Mhix is-Sinjurija tal-Missier li persuna għandha tirċievi f’ħajjitha. Hemm ħafna reliġjonijiet oħra li jaduraw lil Alla tas-smewwiet u jagħrfu biss is-Sinjurija tal-Missier u jirriġettaw is-Sinjurija ta’ l-Iben. Meta

jiena nuża l-kelma Sinjurija, jiena nkun qiegħed infisser li tagħraf id-Deità Tiegħu.

Il-Persuna tad-Divinità li inti għandhek tagħmilha l-Mulej tiegħek u 'l Alla tiegħek ta' ħajtek hija Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla. Huwa biss permezz Tiegħu li inti tista' tirċievi s-salvazzjoni.

> "*U **lanqa**s **f'ħadd ieħor ma hemm salvazzjoni**: għax **ma hemm ebda isem ieħor** taħt is-sema **mogħti fost il-bnedmin, li bih nistgħu nkunu salvati***" (Atti 4:12).

> "[17]*Alla ma bagħatx lil **Ibnu** fid-dinja biex jagħmel ġudizzju mid-dinja, imma biex id-dinja **ssalva permezz tiegħu***" (Ġwannbi 3:17).

> "[9]***Jien hu l-bieb**; jekk xi ħadd jidħol ġewwa **permezz tiegħi, ikun salvat**, u jidħol u joħroġ, u jsib il-mergħa*" (Ġwanni 10:9).

> "[6]*Qallu Ġesù: Jiena t-triq, u l-Verità, u l-ħajja: Ħadd ma jiġi għand il-Missier, **ħlief bija***" (Ġwanni 14:6).

Li tagħmel lill-Missier 'l Alla tiegħek ma jiksiblekx il-ħajja ta' dejjem. Lhud u Mus-lmani għamlu lil Alla u l-Missier tal-Mulej Ġesù Kristu 'l Alla tagħhom, madankollu, huma ma jippossedux il-ħajja eterna.

Għaliex huwa dan? Għaliex l-ispirazzjoni tgħidilna, permezz ta' Ġwanni,

> "*Min jemmen fl-Iben ta' Alla għandu fih ix-xhieda: min ma jemminx f'Alla jagħmel lilu giddieb, għax ma jemminx ix-xhieda li ta Alla għal Ibnu. U din hi x-xhieda: Alla tana l-ħajja ta' dejjem, u **din il-ħajja hi f'Ibnu***" (1 Ġwanni 5:10-11).

> "*U nafu li l-Iben t'Alla ġie, u tana d-dehen, biex nagħrfu lil dak li hu veru, u aħna f'dak li hu veru, f'Ibnu Ġesù Kristu. **Dan hu Alla veru, u l-ħajja ta' dejjem**. Ulied ż-żgħar, ħarsu ruħkom mill-idoli [allat foloz]. Amen*" (1 Ġwanni 5:20-21).

B'żieda l-appostlu Pawlu jiddikjara,

> "*Nistennew dik it-tama mbierka, u d-dehra glorjuża t'Alla l-kbir u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu*" (Titu 2:13).

U l-appostlu Pietru jikteb,

> "*Simgħon Pietru, skjav u appostlu ta' Ġesù Kristu, lil dawk li qalgħu fidi prezzjuża daqs tagħna, permezz tal-ġustizzja ta' Alla u Salvatur tagħna Ġesù Kristu*" (2 Pietru 1:1).

Irċevejtu int bħala 'l Alla tiegħek u s-Salvatur tiegħek? Ġedded l-Ispirtu Tiegħu lil qalbek jagħmlek ibnu jew bintu bħala werriet ta' Alla? Jekk le, allura int m'intix salv.

> "*Imma **lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru** wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu*" (Ġwanni 1:12).

***Kif*** *"dawk li laqgħuh"* isiru wlied Alla?

*"U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħol-qien kollu.* [16]***Min jemmen u jitgħammed, ikun salvat****; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat"* (Mark 16:15-16).

*"Għax intom ilkoll* ***ulied Alla permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù****. Għax* ***intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu****"* (Galatin 3:26-27).

*"Imma intom ma tgħixux fil-ġisem, iżda fl-Ispirtu, jekk l-Ispirtu ta' Alla jgħix fikom. Issa jekk xi ħadd ma għandux fih l-Ispirtu ta' Kristu, dan mhuwiex tiegħu"* (Rumani 8:9).

*"Għarblu lilkom infuskom jekk intomx fil-fidi; ġarrbu lilkom infus-kom. Jew ma tafux intom li Kristu Ġesù jinsab fikom? Jekk imbagħad intom ma ħżintux għal l-aħħar!"* (2 Korintin 13:5).

**Il-Ktieb Paradise**

Issa, fid-dawl ta' dak li rajna f'dan l-istudju, ħalli aħna neżaminaw il-paġni li jiena kkwotajt qabel mill-ktieb *Paradise* tat-Torri ta' l-Għassa bl-għarfien li aħna għandna issa u, naturalment, bi ftit kummenti minn għandna. Il-kwotazzjonijiet huma meħuda minn paġni 39-40 f'kapitlu li jġib it-titlu, "God—Who Is He?" (Alla—Min Huwa Hu?) taħt is-sottotitolu ta' "Is God Jesus or a Trinity?" ("Huwa Alla Ġesù jew Trinità?").

***Paradise*****:** Min hu dan Alla ta' l-għaġeb? Xi persuni jgħidu li ismu hu Ġesù. Oħrajn igħidu li huwa Trinità, għalkemm il-kelma "trinità" ma tidhirx fil-Bibbja.

**Kumment:** Dan l-argument huwa falz għalkollox għaliex lanqas il-kelma "Theo-cratic"[5] li huma jużaw wieħed ma jistax isibha fil-Bibbja. Billi kelma mhix użata fil-Bibbja dan ma jfissirx lid-dottrina mhix mgħallma.

**Eżempju**: Il-Bibbja titkellem dwar l-"ateiżmu" fejn f'Salm 14:1 naqraw, "*Qal f'qalbu l-iblah: 'M'hemmx Alla!'*" Mela għalkemm il-kelma *ateiżmu* ma tinstabx fil-Bibbja, ix-Xhieda ta' Ġeħova m'għandhom l-ebda problema biex jużaw il-kelma, billi l-konċett huwa mgħallem fil-Bibbja. L-istess bit-Trinità. Il-konċett jinsab fil-Bibbja, mhux il-kelma. Eżempju: "[19]*Morru mela, u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom* ***fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu****"* (Mattew 28:19).

**Kliem u Frażijiet Użati mix-Xhieda ta' Ġeħova li ma Ssibhomx fil-Bibbja:**

Imma xi ngħidu dwar il-kliem nuri u li jużaw ix-Xhieda ta' Ġeħova u li ma ssib-homx fil-Bibbja: Ftakar li dan il-kliem kollu (u kliem ieħor) mhux biss iwassal dott-rina falza, dan ukoll ma ssibu mkien fil-Bibbja, lanqas saħansitra l-konċett tal-kliem!

"Paradise Earth", "Theocracy", "Theocratic", "Theocratic, Ministry School", "Mill-ennium", "Rapture", "New world order", "Governing Body", "Branch

Committee", "Service Committee", "District Overseers", "Circuit Overseers", "Presiding Over-seer", "Literature Servants", "ministerial servants", "Pioneers", "Auxillary Pioneers", "Special Pioneers", "Publisher", "Circuit Assemblies", "District Conventions", "Field Ministry", "Kingdom Hall", "Jehovah's Witnesses", "Channel of Commu-nication", "centralized world organization", "Watchtower organization", "system", eċċ.

***Paradise***: Skond għat-tagħlim tat-Trinità, hemm tliet Persuni f'Alla wieħed, jiġifieri, hemm "Alla wieħed, Missier, Iben u Spirtu s-Santu."

**Kumment**: Amen. Tliet Persuni distinti li huma "wieħed" (Ebrajk, *echod*) f'għaqda "*Isma' o Iżrael: Jaħweh, Alla tagħna, hu Jaħweh wieħed!*" (Dewteronomju 6:4). Waħda mill-uniċi drabi li tat-Torri ta' l-Għassa ddefinixxew it-twemmin tiegħi b'mod korrett, imma huma malajr iħawdu t-tagħlim fil-moħħ tal-qarrej sewwasew żewġ sentenzi wara. Ara!

***Paradise***: Ħafna organizzazzjonijiet reliġjużi jgħallmu dan, ukoll għalkemm huma jammettu li hija "misterju."

**Kumment**: Wara li wieħed jistudja sewwa d-dottrina tat-Trinità jsib li mhix daqs-hekk misterju.

***Paradise***: Huma veduti bħal dawn korretti? Tajjeb, qatt Ġesù qal li hu kien Alla?

**Kumment**: Hawn huma jerġgħu koppi! Ftakar, kif int tiddefinixxi l-kelma Alla? Qatt Ġesù qal li hu kien Alla l-Missier?? Fi qbil mat-Torri ta' l-Għassa aħna ngħidu LE; imma kif diġà rajna it-Torri ta' l-Għassa ma jużawx il-kelma Alla kif tużaha l-Bibbja. Issa, qatt Ġesù qal li Hu kien Alla, mhux fis-sens li Hu l-Missier imma fil-mod li l-Bibbja tuża l-kelma Alla? Enfatikament Iva! Jekk xi ħadd ikun jixtieq li jkollu diskussjoni intelliġenti fuq Ġwanni 8:58, jekk jogħġbu jobligani, għaliex kien Hu li ra lil Abraham f'Ġenesi kapitlu 18.

***Paradise***: Le, hu qatt ma qal ma għamel dan. Pjuttost, fiil-Bibbja hu msejjaħ "Bin Alla." U hu qal: "Il-Missier hu akbar minni." (Ġwanni 10:34-36; 14:28). Ukoll, Ġesù spjega li kien hemm xi ħwejjeġ li la hu lanqas l-anġli ma kienu jafuhom imm aAlla biss kien jafhom. (Mark 13:32)

**Kumment**: Qiegħed tara, hawn għandna tat-Torri ta' l-Għassa juru d-distinzjoni bejn il-Persuni. Huma mhumiex qegħdin jagħmlu każ kontra d-Deità ta' Kristu imma kontra l-MODALIŻMU/MONARKJANIŻMU li jirriġetta d-distinzjoni bejn il-Persuni.

***Paradise***: Ukoll, f'okkażjoni waħda Ġesù talab lill-Missier, fejn qal: "Mhux issir ir-rieda tiegħi, imma tiegħek." (Luqa 22:42) Kieku Ġesù kien Alla li Jista' Kollox, hu ma kienx jitlob lilu nnifsu, mhux hekk? Fil-fatt, wara l-mewt ta' Ġesù, l-Iskrittura tgħid: "Dan Ġesù qajmu Alla." (Atti 2:32) Għalhekk Alla li Jista' Kollox u Ġesù huma biċ-ċar żewġ persuni separati.

**Kumment**: Kif diġà rajna, li tiddistingwi bejn il-Persuni ma jwaqqa' xejn. Tat-Torri ta' l-Għassa jagħmlu dan ripetutament fil-pubblikazzjonijiet tagħhom kollha. Din hija xi ħaġa li hi tassew ta' niket għal dawk li kienu

ngannati f'li jemmnu li aħna bħala Kristjani nemmnu li l-Missier u l-Iben huma l-istess Persuna. Ix-Xhieda ta' Ġeħova qegħdin ikunu ngannati u huma lanqas biss ma jafuh dan.

***<u>Paradise</u>***: Ukoll wara mewtu u l-qawmien tiegħu u t-tlugħ fis-sema, Ġesù kien għadu mhuwiex egwali ma' Missieru.—1 Korintin 11:3; 15:28.

**<u>Kumment</u>**: Hawn tat-Torri ta' l-Għassa qegħdin juru l-injoranza u n-nuqqas ta' għarfa tagħhom. Ħalli nagħtu daqqa t'għajn lejn dawn iż-żewġ passaġġi ta' Skrittura li huma qegħdin jagħmlu riferenza għalihom:

**1 Korintin 11:3**: "*Iżda jien irridkom tkunu tafu, illi r-ras ta' kull raġel hu Kristu; u r-ras tal-mara hu r-raġel; u ras Kristu hu Alla.*"

**1 Korintin 15:28**: "*U meta kollox ikun imqiegħed taħtu, imbagħad l-Iben innifsu wkoll ikun issuġġettat għal dak li ssuġġettalu kollox, sabiex Alla jkun kollox f'kul-ħadd.*"

Il-kwotazzjoni tat-Torri ta' l-Għassa ta' dawn il-passaġġi turi nuqqas ieħor ta' għarfa. Tat-Torri ta' l-Għassa ma jistgħux jifhmu kif xi ħadd jista' jkun sottomess għal xi ħadd ieħor madankollu jkun egwali. Ħalli nħarsu lejn l-illustrazzjoni mill-Iskrittura. Alla l-Missier huwa r-ras ta' Kristu l-istess kif ir-raġel huwa r-ras tal-mara. Jiena issa ilni miżżewweġ għal kważi 45 sena. Jiena r-ras tad-dar.

Jiena għandi pożizzjoni għola fid-dar tiegħi għaliex Alla appuntaha hekk. Jiena minħabba l-pożizzjoni tiegħi akbar minn marti. Il-president ta' Malta huwa minħabba l-uffiċċju tiegħu akbar fil-pożizzjoni minnek jew minni. Hu r-ras ta' dan il-pajjiż.

Waqt li jiena akbar minn marti fil-pożizzjoni u jiena r-ras tagħha jiena m'inix aħjar minnha dwar in-natura tagħna. Dwar dak li jikkonċerna n-natura tagħna, setgħa, u awtorità fuq in-nies tad-dar tagħna AĦNA LKOLL EGWALI. Aħna t-tnejn umani u marti hi egwali miegħi fl-awtorità u setgħa fuq iż-żewġ ulied tagħna. Il-president waqt li hu akbar fil-pożizzjoni mhuwiex aħjar minnek jew minni. Hu bniedem bħala lkoll.

Tat-Torri ta' l-Għassa ma qabdux dan il-konċett bażiku u l-fatt li waqt li xi ħadd jista' jkun ir-ras kemm jekk ikun ir-ras tal-familja jew ir-ras ta' pajjiż huma fl-istess ħin jistgħu jkunu egwali tagħna. Iva, Alla l-Missier huwa r-ras ta' Kristu; madan-kollu Kristu hu l-egwali tal-Missier dwar dak li jikkonċerna n-natura tagħhom jew is-sustanza, setgħa, u awtorità. L-Iskrittura espliċitament tgħid dan fi:

**<u>Ġwanni 5:18</u>** – "*Għalhekk il-Lhud fittxu iżjed li joqtluh, għax mhux biss kiser is-Sibt, imma wkoll għax qal li* ***Alla hu Missieru, u <u>b'hekk għamel lilu nnifsu daqs Alla</u>***."

Ġesù dan ma ċaħdux!

**<u>Ġwanni 10:22-39</u>** – "*Kienet il-festa tad-dedikazzjoni f'Ġerusalemm, u kienet ix-xitwa. U Ġesù kien jimxi fit-tempju, fil-portiku ta' Salamun. Imbagħad il-Lhud daru miegħu, u qalulu: Kemm sa ddum tħallina bejn ħaltejn: Jekk int il-*

*Kristu, għidilna ċar. Weġibhom Ġesù: Għidtilkom u ma temmnux: l-għemejjel li nagħmel f'isem Missieri, huma xhieda tiegħi. Iżda intom ma temmnux, għax mintomx min-ngħaġ tiegħi, bħal ma għidtilkom. In-ngħaġ tiegħi jisimgħu leħni, u jien nagħrafhom, u jiġu warajja: U jien nagħtihom il-ħajja ta' dejjem; u ma jintilfu qatt, u lanqas ebda bniedem ma jaħtafhomli minn idi. Missieri, li tahomli, hu aqwa minn kulħadd; u ħadd ma jista' jaħtafhom minn id Missieri.* ***Jiena u Missieri ħaġa waħda aħna****. Imbagħad il-Lhud reġgħu qabdu l-ġebel biex iħaġġruh. Weġibhom Ġesù: Urejtkom ħafna għemejjel tajba minn Missieri; għal liema għemil minnhom tħaġġruni? Il-Lhud weġbuh, billi qalu: Għal xi għemil tajjeb ma nħaġġrukx:* ***iżda għad-dagħwa; u għax int, bniedem, tagħmel lilek innifsek Alla****. Weġibhom Ġesù: Mhux miktub fil-liġi tagħkom: Jien għidt: allat intom? Jekk sejħilhom allat, lil dawk li lilhom ġiet il-kelma ta' Alla, u l-iskrittura ma tistax tkun imħassra; Tgħidu lil min il-Missier qaddes, u bagħat fid-dinja: Qiegħed tidgħi; għax għidt:* ***Jien Bin Alla****? Jekk ma nagħmilx l-għemejjel ta' Missieri, temmnunix. Iżda jekk nagħmel, għalkemm ma temmnunix, emmnu l-għemejjel: biex tkunu tafu, u temmnu, li* ***l-Missier fija, u jien fih****. Għalhekk reġgħu riedu jaqbduh: iżda ħarġilhom minn idhom.*"

<u>Ġwanni 19:7</u> – "*Wiġbuh il-Lhud: Aħna għandna liġi, u* ***skond il-liġi għandu jmut, għax għamel lilu nnifsu Bin Alla****.*"

Il-Lhud kienu jafuha sewwa l-liġi ta' Alla u kienu jafu sewwa x'kienet tfisser li tagħmel lilek innifsek Bin Alla. Sfortunatament, tat-Torri ta' l-Għassa dan ma jridux li jkunu jafuh! Temmen int li kienet "dagħwa" minn Ġesù li Hu għamel Lilu Nnifsu Alla? Tat-Torri ta' l-Għassa hekk jemmnu!

<u>Filippin 2:6</u> – "*Li, għalkemm* ***eżista f'sura ta' Alla****, ma qishiex bħala ħaġa misruqa* ***li jkun daqs Alla****:*"

Temmen int li, skond il-Kelma ta' Alla, Ġesù "***eżista f'sura ta' Alla***" li kien ifisser "***li jkun daqs Alla****:*"? Hekk tgħid il-Kelma ta' Alla!

1. **Ras Kristu Hu Alla.**
   a. <u>1 Korintin 11:3</u> – "*Iżda jien irridkom tkunu tafu, illi r-ras ta' kull raġel hu Kristu; u r-ras tal-mara hu r-raġel; u* ***ras Kristu hu Alla****.*"
2. **Ifisser dan li Kristu mhuwiex Alla? Le!**
3. **Kristu ġie fid-dinja bħala bniedem, tad-demm u l-laħam bħalna.**
   a. <u>Ġwanni 1:1, 14</u> – "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla,* ***u l-Kelma kienet Alla****....U* ***l-Kelma saret bniedem*** *u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità.*"
   b. <u>Filippin 2:5-8</u> – "*Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù. Li, għalkemm* ***eżista f'sura ta' Alla****, ma qishiex bħala ħaġa misruqa* ***li jkun daqs Alla****: Iżda xejjen lilu nnifsu, u* ***ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin****: U wara li*

***minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib.***"

4. **Kristu kien ikkunsidrat bħala l-qaddejn tal-Missier.**
   a. Isaija 42:1 – "*Ara* ***l-qaddej*** *tiegħi, li jien inwieżnu; il-maħtur tiegħi, li fih ruħi titgħaxxaq; qegħidt l-ispirtu tiegħi fuqu: hu jxandar il-ħaqq lill-Ġentili.*"
   b. Isaija 52:13 – "*Ara,* ***il-qaddej tiegħi*** *jimxi bil-għaqal, jintrafa' u jit-għolla qatigħ.*"
      1) **F'din il-kapaċità Ġesù tkellem meta qal:**
         a) Ġwanni 17:4 – "*Jien igglorifikajtek fuq l-art; temmejt ix-xogħol li tajtni biex nagħmel.*"
5. **Bħala bniedem Ġesù bata.**
   a. Lhud 5:8 – "*Għalkemm* ***li kien Iben,*** *tgħallem l-ubbidjenza* ***minn dawk il-ħwejjeġ li bata.***"
   b. Filippin 2:8 – "*U wara li* ***minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib.***"
6. **Huwa f'dan l-aspett ta' relazzjoni speċifika lejn xulxin fix-xogħol tal-fidwa li "r-ras ta' Kristu hu Alla."**

Iva, Alla l-Missier huwa r-ras ta' Kristu; madankollu Kristu hu l-egwali tal-Missier dwar dak li jikkonċerna ***n-natura*** jew *sustanza* tagħhom, *setgħa*, u *awotrità*. L-Iskrittura espliċitament tgħid dan fi: Ġwanni 5:18; 10:22-39; Filippin 2:6; eċċ. Ma jagħmilx sens dan?

***Paradise***: "Imma mhuwiex Ġesù msejjaħ alla (a god) fil-Bibbja?" xi ħadd forsi jistaqsi.

**Kumment**: QATT MA HU MSEJJAĦ A GOD, LANQAS DARBA WAĦDA BISS, DAN IKUN L-INTRODUZZJONI TA' POLITEIŻMU. Id-definizzjoni ta' Politei-żmu hija li tpoġġi l-fidi tiegħek f'aktar minn alla wieħed.

***Paradise***: Dan hu veru. Izda Satana wkoll hu msejjaħ alla. (2 Korintin 4:4)

**Kumment**: X'dagħwa hija din, li tpoġġi lill-Kreatur ta' Satana (Kolossin 1:17) fl-istess kategorija tiegħu, x'insult kbir hu dan għal Ġesù!

***Paradise***: Fi Ġwanni 1:1, li jirreferi għal Ġesù bħala "l-Kelma," xi traduzzjonijiet tal-Bibbja jgħidu: "Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla."

**Kumment**: Attwalment, kull waħda mit-traduzzjonijiet magħrufa tal-Bibbja matul id-dinja. Waħda jew tnejn biss li huma mħassra jgħidu "alla" ("a god") li jiksru l-liġi tal-grammatika Griega tat-Testment il-Ġdid.[6]

***Paradise***: Imma nnota, f'vers tnejn jintqal li l-Kelma kienet "fil-bidu ma' Alla." U waqt li nies kienu raw lil Ġesù, vers 18 igħid li "*Ħadd qatt ma ra lil Alla f'xi żmien.*"

**Kumment**: Kieku huma kkwotaw il-bqija ta' dan il-vers kien ikun magħmul ċar li Ġwanni qiegħed jirreferi għall-Missier. Dan hu veru. Ebda bniedem qatt ma ra lil Alla l-Missier f'xi żmien. Ġesù saħansitra mar pass 'il quddiem meta qal: "*Intom la qatt smajtu leħnu xi darba, u lanqas rajtu s-sura tiegħu*" (Ġwanni 5:37).

Madankollu, matul it-Testment il-Qadim aħna nsibu waqtiet numerużi meta Alla deher lin-nies, kellimhom, u saħansitra kiel magħhom:

1. **Ġenesi 18** – "[1]*U* ***deherlu Jaħweh*** *ħdejn il-ballut ta' Mamri, hu u qiegħed fil-bieb tat-tinda tiegħu, fl-eqqel tas-sħana tan-nhar;* [2]*Hu rafa' għajnejh u ħares, u, ara,* ***tlitt irġiel*** *kienu ħdejh: u x'ħin* ***rahom****, ġera mill-bieb tat-tinda biex jilqagħhom, u tbaxxa lejn l-art.* [3]*U qal:* ***Sidi,*** *jekk issa sibt ħniena f'għajnek, nitolbok, la tibqax għaddej, minn quddiem il-qaddej tiegħek.* [4]*Ħa nġib ftit ilma, nitlobkom, u aħslu riġlejkom, u ħudu r-ruħ taħt is-siġra:* [5]*U nġib biċċa ħobż, u għinu ruħkom; imbagħad ibqgħu sejrin: għax għalhekk għaddejtu għand il-qddej tagħkom. U qalulu: Agħmel kif għidt.* [6]*U Abraham għaġġel jidħol fit-tinda għand Sara, u qal: Isa, ħan smid, agħġinhom, u agħmel ftajjar fuq il-kenur.* [7]*U Abraham ġera lejn il-baqar, u ħa għoġol tari u tajjeb, u tah lil wieħed żagħżugħ: u għaġġel ihejjih.* [8]*U ħa l-butir, u l-ħalib, u l-għoġol li kien hejja, u qegħidhom quddiemhom: u qagħad ħdejhom taħt is-siġra hum au jieklu.* [9]*U qalulu: Fejn hi Sara martek? Qal: Ara, fit-tinda.* [10]*U qal: Tassew, narġa' niġi għandek bħal daż-żmien sena; u, ara Sara, martek ikollha tifel. U Sara semgħet dan fil-bieb tat-tinda, li kienet warjah.* [11]*Issa, sew Abraham u sew Sara kienu mdaħħlimn fiż-żmien; u kien inqata' għal Sara dak li soltu jkollhom in-nisa.* [12]*Għalhekk Sara daħket f'qalbha, billi qalet: Wara li xjieħt, se jkolli l-hena, u sidi hu hekk xiħ ukoll?* [13]*U* ***Jaħweh qal lil Abraham****: Għaliex daħket Sara, billi qalet: Tassew niled tarbija, meta jien xjieħt?* [14]*Ewwilla hemm xi ħaġa tqila ħafna għal Jaħweh? Bħal daż-żmien sena narġa' niġi għandek, u Sara jkollha tifel.* [15]*Imbagħad Sara ħdet, bili qalet: Ma dħaktx; għax kienet beżgħana. Hu qal: Iva, dħakt.* [16]*U l-irġiel qamu minn hemm, u ħarsu lejn Sodoma: u Abraham mar magħhom biex iwassalhom.* [17]*U* ***Jaħweh qal****: Sa naħbi jien minn Abraham dak li sa nagħmel,* [18]*Ladarba Abraham għandu żgur isir ġens kbir u qawwi, u l-ġnus kollha ta' l-art jitbierku bih?* [19]*Għax jien ħtartu, biex jordna lil uliedu, u lil daru warajh li jħarsu t-triq ta' Jaħweh, biex jagħmlu s-sewwa; u l-ħaqq biex Jaħweh iġib fuq Abraham dak li wiegħed għalih.* [20]*U* ***Jaħweh qal****: Għax il-għajta ta' Sodoma u Gomorra hi tassew kbira, u dnubhom hu wisq ikrah;* [21]*Ninżel issa, u nara jekk għamlux kollox bħalma l-għajta tagħhom waslitli.* [22]*U l-irġiel dawru wiċċhom minn hemm, u telqu lejn Sodoma; iżda* ***Abraham baqa' wieqaf quddiem Jaħweh****.* [23]*U Abraham resaq, u qal:* ***Trid int*** *teqred it-tajjeb mal-ħażin?* [24]*Għandu mnejn hemm ħamsin tajbin fil-belt: trid int teqridha wkoll, u ma taħfrilhiex, minħabba l-ħamsin tajbin li hemm go fiha?* [25]*Barra minnek li tagħmel dil-ħaġa: li teqred it-tajjeb mal-ħażin. Barra minnek li tqis it-tajjeb bħal ma tqis il-ħażin. L-Imħallef*

*ta' l-art kollha, ma jagħmilx ħaqq sewwa? [26]U* ***Jaħweh qal****: Jekk insib f'Sodoma ħamsin tajbin fil-belt, naħfer lill-belt kollha minħabba fihom. [27]U Abraham wieġeb u qal: Ara, issa, jien ażżardajt* ***inkellem lil sidi****, jien li miniex ħlief trab u rmied: [28]Għandu mnejn jonqos ħamsa għall-ħamsin tajbin: trid teqred int il-belt kollha għal ħamsa?* ***U wieġeb****: Jekk insib hemm ħamsa u erbgħin, ma neqridhiex. [29]U* ***Abraham raġa' kelmu****, u qal: Għandu mnejn jinsabu hemm erbgħin. U* ***Jaħweh qal****: Ma nagħmilx dan minħabba erbgħin. U* ***Abraham qallu****: [30]Ħalli ma jagħdabx* ***Sidi****, u jien nitkellem: Għandu mnejn jinsabu hemm tletin. U* ***Jaħweh qallu****: Ma nagħmilx dan jekk insib tletin hemm. [31]U* ***Abraham qallu****: Ara, issa, ażżardajt* ***inkellem lil Sidi****: Għandu mnejn jinsabu hemm għoxrin. U* ***Jaħweh qallu****: Ma neqridhiex minħabba għoxrin. [32]U Abraham qal: Ħalli ma jagħdabx Sidi, u nitkellem did-darba biss: Għandu mnejn jinsabu hemm għaxra. U* ***qal Jaħweh****: Ma neqridhiex minħabba għaxra. [33]U malli* ***temm jitkellem ma' Abraham, Jaħweh telaq****: U Abraham raġa' mar lejn daru.*

2. Eżodu 24:9-12 – "*[9]Tala' mbagħad Mosè, u Arun, u Nadab, u Abihu, u sebgħin mix-xjuħ ta' Iżrael: [10]U* ***raw lil Alla ta' Iżrael****; u kien hemm taħt riġlejh bħal ċangatura maħduma bis-saffiri, qisha s-sema fis-safa tiegħu. [11]U fuq il-maħturin ta' wlied Iżrael ma meddx idu****: huma raw ukoll lil Alla****, u kielu u xorbu. [12]U* ***Jaħweh qal lil Mosè****: Itla' fejni fuq il-muntanja, u ibqa' hemm: u nagħtik twavel tal-ġebel, u l-liġi, u l-kmandamenti li ktibt jien; biex tgħallimhomlhom.*"

3. Eżodu 33:11, 20-21 – "*[11]U* ***Jaħweh kien ikellem lil Mosè wiċċ imb'wiċċ, bħalma wieħed ikellem lil ħabibu****. U kien jarġa' lura lejn il-kamp: iżda l-qaddej tiegħu Ġożwè bin Nun, raġel żagħżugħ, ma kienx jitlaq mit-tinda. [12]U* ***Mosè qal lil Jaħweh: Ara, inti tgħidli****: Mexxi 'l dawn in-nies, u int ma għarraftnix lil min sa tibgħat miegħi. Imma int għidt: Nafek b'ismek, u sibt int ukoll ħniena quddiemi. [13]Għalhekk issa nitolbok, jekk jien sibt ħniena qud-diemek, urini t-triq tiegħek, biex nagħrfek, u nsib ħniena quddiemek: u qis li dal-poplu hu niesek….[18]U Mosè qal: Nitolbok, urini l-glorja tiegħek! [19]U* ***Jaħweh wieġbu: Jien*** *ngħaddi t-tajjeb tiegħi kollu minn quddiemek, u nsejjaħ isem Jaħweh quddiemek; u nħenn għal min inħenn, u nitħassar'il min nitħas-sar. [20]U raġa' qal: Ma tistax tara wiċċi: għax ebda bniedem ma jista' jarani, u jibqa' ħaj. [21]U* ***qal lil Jaħweh****: Ara, hawn post ħdejja, u int toqgħod hemm fuq il-blata:*"

It-tweġiba sempliċi għal din id-dilemma hija li ebda bniedem ma ra lil Alla l-Missier sewwasew kif igħid Ġwanni. Lil min huma raw mela??? Huma raw lil l-Iben ta' Alla:

1. Isaija 6:1 – "*Fis-sena li miet is-sultan Għużżija,* ***rajt ukoll lil Jaħweh*** *qiegħed fuq tron, fil-għoli u merfugħ, u djulu kien jimla t-tempju.*"
2. Ġwanni 12:41 – "*Dawn il-ħwejjeġ qal Isaija, meta* ***ra l-glorja tiegħu****, u tkel-lem fuqu.*"

**Ġenesi 19:24** – *"Imbagħad* ***Jaħweh*** *[Jaħweh – fuq l-art li tkellem ma' Abraham]* ***bagħat*** *fuq Sodoma u Gomorra xita ta' kubrit u nar* ***minn għand Jaħweh*** *mis-sema."*

Żewġ Persuni msejħa Jaħweh f'vers wieħed.

***Paradise***: Għalhekk aħna nsibu li xi traduzzjonijiet ta' Ġwanni 1 vers 1 jagħtu l-ideat korretta tal-lingwa oriġinali meta dawn jaraw: "Il-Kelma kienet ma' alla, u l-Kelma kienet divina," jew kienet "alla," jiġifieri, il-Kelma kienet wieħed bħal alla setgħan. (*Traduzzjoni Amerikana*) Biċ-ċar, Ġesù mhuwiex l-Alla li Jista' Kollox. Fil-fatt, Ġesù tkellem dwar Missieru bħala "Alla tiegħi" u bħala "waħdek veru Alla"—Ġwanni 20:17; 17:3.

**Kumment**: Dak li tat-Torri ta' l-Għassa qegħdin jonqsu milli jsemmu huwa li ***l-istess kif l-Iben isejjaħ lill-Misser Alla, hekk ukoll il-Missier isejjaħ lil Iben Alla u l-veru Alla u l-ħajja ta' dejjem:***

1. **Lhud 1:5, 8** – *"Għax lil min mill-anġli xi darba qal: Int Ibni, illum jien nissiltek? U jarġa':* ***Inkunlu Missier****, u hu jkunli Iben? Imma* ***għal l-Iben igħid****: It-Tron tiegħek,* ***O Alla****, għal dejjem ta' dejjem, ix-xettru tal-ġustizzja hu x-xettru ta' saltnatek."*
2. **1 Ġwanni 5:20** – *"U nafu li l-Iben t'Alla ġie, u tana d-dehen, biex nagħrfu lil dak li hu veru, u aħna f'dak li hu veru,* ***f'Ibnu Ġesù Kristu. Dan hu Alla veru, u l-ħajja ta' dejjem.****"*

Qiegħed tara fejn hu l-qerq!!

## Konklużjoni

Jekk inti Xhud ta' Ġeħova u qrajt dan, qiegħed dan li jiena qiegħed ingħid jurik il-verità? Tajjeb li taqra dan aktar minn darba waħda u tħalli lil ħadd iġiegħlek taċċetta l-interpetazzjojnijiet tiegħu. Bit-talb aqra u aċċetta biss dak li tgħidlek il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa.

Jekk hemm xi ħaġa li inti tixtieq li tiddiskutiha, ħossok liberu biex tistaqsi. It-Torri ta' l-Għassa qiegħed jiddiżgwida lin-nies u ilu jagħmel dan għal żmien twil u jeħtieġ li jitwaqqaf.

Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid nistednuk biex tirċievi l-Ispirtu ta' Kristu f'qalbek u tobdi l-kmandamenti ta' Kristu sabiex inti ssalva u ssir iben jew bint ta' Alla. Aħna rriduk li tkun taf x'inhu li tkun fil-Patt il-Ġdid u jkollok lil ĠEsù Kristu bħala l-Medjatur personali tiegħek u l-aktar fost kollox, li jkun il-Mulej tiegħek. Li tobdih f'kullmument ta' ħajtek u mhux li tobdi r-regoli u regolamenti ta' reliġjon li konsistentament tbiddel l-attitudni tagħha fuq ħwejjeġ maġġuri dottrinali fejn taffettwa l-ħajja nfisha tan-nies.

Jiena ma noffrilekx relioġjon minflok it-Torri ta' l-Għassa. Dak li jiena noffrilek huwa relazzjoni personali ma' Dak li qal fl-ewwel kapitlu ta' Rivelazzjoni:

> "[8]Jien hu l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem, jgÓid il-Mulej, li hu, u li kien, u li Íej, Dak li jista' kollox…."

"[11]*Igħid:* ***Jiena l-Alfa u l-Omega, l-ewwel u l-aħħar****: u, dak li tara, iktbu fi ktieb, u ibgħatu lis-seba' knejjes li hemm fl-Asja; f'Efesu, u fi Smirni, u f'Pergamu, u f'Tijatira, u f'Sardis, u f'Filadelfja, u f'Laödi-kija.* [12]*U dort biex nara l-leħen li kien ikellimni. U kif dort, rajt seba' saqajn tad-deheb tal-lampi;* [13]*U f'nofs is-seba' saqajn tal-lampi wieħed bħal* **bin il-bniedem,** *liebes libsa twila sa saqajh, u mħażżem madwar sidru bi ħżiem tad-deheb.*"

**Noti:**

[1] "Trinitarian" is the term generally used in WT literature to refer to those who believe in the doctrine of the Trinity.

[2] The Watchtower Bible and Tract Society, the organization JWs belong to.

[3] "faithful and discreet slave" is a JW term for the WT.

[4] *You Can Live Forever in Paradise on Earth* (Brooklyn, NY: Watchtower Bible and Tract Society, 1982, 1989).

[5] "Theocratic" is the term the WT uses to refer to God's supposed rule of the WT organization.

[6] "*pros ton theos* [with God] points to Christ's fellowship with the PERSON of the Father; *theos en ton logos* [the Word was God] emphasizes Christ's participation in the ESSENCE of the divine nature" (Dana and Mantey. *Manual Grammar of the Greek New Testament*. New York: Macmillian, 1955, p.140).

Nota: Ir-referenzi kollha minn: *The New King James Version*. Nashville, TN: Thomas Nelson Publishers, 1982, sakemm mhux indikat xi ħaġa oħra.

## "IR-RAS TA' KRISTU HU ALLA"
### (1 Korintin 11:3)

1. **Ras Kristu Hu Alla.**
   a. <u>1 Korintin 11:3</u> – "[3]*Iżda jien irridkom tkunu tafu, illi r-ras ta' kull raġel hu Kristu; u r-ras tal-mara hu r-raġel; u* ***ras Kristu hu Alla.***"
2. **Ifisser dan li Kristu mhuwiex Alla? Le!**
3. **Kristu ġie fid-dinja bħala bniedem , tad-demm u l-laħam bħalna.**
   a. <u>Ġwanni 1:1, 14</u> – "[1]*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla,* ***u l-Kelma kienet Alla****....*[14]*U* ***l-Kelma saret bniedem*** *u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità.*"
   b. <u>Filippin 2:5-8</u> – "[5]*Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù.* [6]*Li, għalkemm* ***eżista f'sura ta' Alla,*** *ma qishiex bħala ħaġa misruqa* ***li jkun daqs Alla****:* [7]*Iżda xejjen lilu nnifsu, u* ***ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin****:* [8]*U wara li* ***minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib.***"
4. **Kristu kien ikkunsidrat bħala l-qaddejn tal-Missier.**

a. <u>Isaija 42:1</u> – "[1]*Ara **l-qaddej** tiegħi, li jien inwieżnu; il-maħtur tiegħi, li fih ruħi titgħaxxaq; qegħidt l-ispirtu tiegħi fuqu: hu jxandar il-ħaqq lill-Ġentili.*"

b. <u>Isaija 52:13</u> – "[13]*Ara, **il-qaddej tiegħi** jimxi bil-għaqal, jintrafa' u jitgħolla qatigħ.*"

1) **F'din il-kapaċità Ġesù tkellem meta qal:**

a) <u>Ġwanni 17:4</u> – "[4]*Jien igglorifikajtek fuq l-art; temmejt ix-xogħol li tajtni biex nagħmel.*"

5. **Bħala bniedem Ġesù bata.**

a. <u>Lhud 5:8</u> – "[8]*Għalkemm **li kien Iben**, tgħallem l-ubbidjenza **minn dawk il-ħwejjeġ li bata.***"

b. <u>Filippin 2:8</u> – "[8]*U wara li **minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib.***"

6. **Huwa f'dan l-aspett ta' relazzjoni speċifika lejn xulxin fix-xogħol tal-fidwa li "r-ras ta' Kristu hu Alla."**